# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

## S.T.O. PRIM IMHALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMHALLEF JOSEPH R. MICALLEF
## ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 30 ta' Gunju, 2021.**

**Numru 26**

**Rikors numru 702/2013/1 SM**

**Paul u Alexandra konjugi Piscopo**

**v.**

**Direttur Generali (Dwana)**

**Il-Qorti:**

1. Rat ir-rikors tar-rikorrenti konjugi Piscopo ipprezentat fid-19 ta' Lulju, 2013, li permezz tieghu ppremettew:

> "Illi l-esponenti gew notifikati permezz ta' seizure notes 31/2013 u 32/2013 illi gew maqbuda s-segwenti oggetti mill-intimat nhar id-9 ta' Mejju 2013:
>
> Bastiment DIMITRA (MFA 6034)
> Gasoil 34,600 litru

Illi l-esponent gie infurmat illi din is-seizure note inharget minhabba allegazzjoni ta' diesel importat mhux konformi mal-ligi. Kopja tas-seizure note 32/2013 qed tigi annessa u mmarkata Dok A.

Illi l-esponent qieghed jikkontesta s-*seizure notes* in kwistjoni u qieghed jitlob ir-rilaxx kiemm tal-Bastiment DIMITRA (MFA 6034) u kif ukoll tal-Gasoil fl-ammont ta' 34,600 litru.

Illi l-esponent jopera bl-imsemmi bastiment ghan-negozju tieghu konsistenti f'sajd. Minn dan is-sajd l-esponent jaqla' l-ghejxien tieghu.

Illi fi kwalunkwe kaz l-konfiska tal-bastiment li ghandu valur gholi hafna meta mqabbel mal-valur ta' l-gasoil allegatament importat illegalment.

Illi ghalhekk hemm ragunijiet sufficjenti biex jimmeritaw ir-rilaxx kemm tal-bastiment u kif ukoll tal-gasoil in kwistjoni u dan kif ser jirrizulta ampjament waqt is-smiegh u t-trattazzjoni ta' dan ir-rikors.

Ghaldaqstant l-esponent jitlob umilment li din l-Onorabbli Qorti jogghobha tordna r-rilaxx ta' l-oggetti hawn fuq elenkati u dan a tenur ta' l-artiklu 72 u 73 tal-Kap. 37 u l-artikolu 28(2) tal-Kap. 382 tal-Ligijiet ta' Malta u dan taht dawk il-provedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni."

2. Rat ir-risposta tad-Direttur Generali (Dwana) tad-19 ta' Awwissu, 2013, li permezz taghha wiegeb:

"(1) Illi in linea preliminari, l-Avukat Generali ghadu mhux notifikat bl-azzjoni odjerna ai termini tal-Artikolu 181(B) tal-Kap 12;

(2) Illi in linea preliminari ukoll, Alexandra Piscopo ghandha tiddikjara l-interess guridiku taghha fl-azzjoni odjerna;

(3) Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet segwenti li qeghdin jigu elenkati minghajr pregudizzju ghal xulxin;

(4) Illi l-fatti tal-kaz fil-qosor huma s-segwenti:

(i) Illi permezz tan-Nota ta' Qbid li jgibu n-numru 31/2013 u 32/2013 rispettivament u datati 23 ta' Mejju 2013, l-esponent qabad il-lancja *MFV DIMITRA* bin-numru ufficcjali MFV 6034 flimkien ma' ammont sostanzjali ta' *gasoil* u cioe 34,600 litru (erba' u tletin elf u sitt mitt litru); liema *gasoil* kien mizmum f'tankijiet tal-*plastic* abbord l-istess lanca. Illi c-cirkostanzi suspettuzi li taw lok ghall-qbid tal-imsemmija lancja u tal-*gasoil*, liema lancja kienet tinstab fiz-zona kontigwa tat-territorju marittimu Malti, jindikaw li kienet qed issir attivita irregolari ta' caqliq ta' *gasoil* li fuqu hemm dovut id-dazju tas-Sisa u VAT relattiv. Illi b'dan il-

fatt inkisru l-provvedimenti tal-Kap 37 (l-Ordinanza tad-Dwana) u tal-Kap 382 (l-Att dwar Dazju tas-Sisa) tal-Ligijiet ta' Malta;

(ii) Illi c-cirkostanzi suspettuzi kienu jikkonsistu fis-segwenti:

(a) L-ufficcjali tal-Forzi Armati ta' Malta kienu infurmati li s-sistema maghrufa bhala l-VMS (*vessel monitoring system*) abbord il-lancja *MFV DIMITRA* kienet mitfija;
(b) L-istess ufficcjali meta intercettaw l-imsemmija lancja tas-sajd, ma sabu l-ebda hjiel ta' attivita jew attrezzi konnessi mas-sajd, izda minflok sabu 8 tankijiet tal-*ploastic* ta' 1000 (elf) litru mimlijin bil-*gasoil*; apparti li sabu li l-licenzja tas-sajd kienet skaduta;
(c) Illi meta l-ekwipagg tal-imsemmija lancja gew mistoqsija dwar l-origini tal-*gasoil* li kien abbord l-istess lancja, il-Kaptan ma tax twegiba sodisfacjenti; apparti l-fatt li ma ta ebda dettalji u/jew dokumenti rigward il-provvenjenza tal-istess *gasoil*;
(d) Ghalhekk, fid-dawl ta' dawn l-inkosistenzi u agir suspettuz, l-imsemmija lancja giet ordnata sabiex tidhol fil-Port il-Kbir ghal iktar investigazzjonijiet mill-awtoritajiet kompetenti;

(5) Illi ghalhekk l-ufficcjali tad-Dwana ipprocedew bin-Noti ta' Qbid numru 31/2013 u 32/2013 u dan ai termini tal-Artikoli 68 u 69 tal-Kap 37 u l-Artikolu 17 tal-Kap 382;

(6) Illi fir-rigward tal-allegazzjoni li r-rikorrent ghandu bzonn il-lancja ghall-ghejxien tieghu "*konsistenti f'sajd*", l-esponent jirribatti li tenut kont tal-fatt li ma instab l-ebda oggett relatat mas-sajd fuq l-istess lancja huwa difficcli ferm li wiehed jemmen din l-asserzjoni;

(7) Salv eccezzjonijiet ulterjuri, jekk ikun il-kaz.

Ghaldaqstant, l-esponent bir-rispett jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti kif dedotti fir-Rikors promotur bhala infondati fil-fatt u fid-dritt; bl-ispejjez."

3. Rat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tal-31 ta' Ottubru, 2017, li permezz taghha l-kawza giet deciza fis-sens illi:

"20.1 Takkolji r-risposti rimanenti fil-mertu sollevati mill-intimat;

20.2. Tirrespingi t-talbiet kollha tar-rikorrenti;

20.3. Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti;

20.4. Illi stante li jirrizulta li si tratta ta' operazzjoni illegali u ta' possibilita` reali li gie ikkonsmat reat ta' natura kriminali, tibghat kopja ta' din is-sentenza lill-Kummissarju tal-Pulizija biex jiehu

dawk il-passi kriminali li jidhirlu xierqa fil-konfront tal-persuni kollha li jistghu jkunu involuti fl-esekuzzjoni tal-istess.”

4. Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

“11.0. Illi in sintesi, r-rikorrenti qeghdin jitolbu s-segwenti:

11.1. Illi l-bastiment de quo u l-“gasoil” konfiskat mill-intimat jigu rilaxxati;
11.2. Illi r-raguni ghal dan hi li m’hemmx proporzjon bejn il-valur tal-“gasoil” in dizamina u dak tal-bastiment konfiskat;

Ikkunsidrat:

12.0. Illi min-naha tieghu l-intimat sintetikament isosstni s-segwenti:

12.1. Illi irrizulta lill-Forzi Armati ta’ Malta li s-sistema ta’ monitoragg tal-bastimenti abbord il-bastiment Dimitra kienet mitfija, (ara foll 130);

12.2. Illi dan qanqal suspett serju fl-ufficcjali kkoncernati li kienu ghalhekk kostretti johorgu jintercettaw l-istess bastiment madwar erbgha u ghoxrin (24) mil nawtiku ’l boghod minn Delimara, (ara foll 82), li jigi fiz-Zona Kontigwa ta’ Malta, (ara foll 102);

12.3. Illi meta eventwalment intercettaw lill-bastiment u spezzjonaw l-istess, ma sabu l-ebda hjiel ta’ attivita` ittika jew attrezzatura konnessa mal-istess attivita`, (ara foll 102);

12.4. Illi minflok l-ufficcjali kkoncernati sabu tmin (8) tankijiet tal-plastic ta’ elf (1000) litru l-wiehed mimlija “diesel” jew “gasoil”, (ara foll 197);

12.5. Illi l-fjuwil imsemmi fil-paragrafu precedenti ma kienx wiehed approvat lokalment u legali stante li ma kellux il-kulur ahmar u s-Sudan Marker li juru li jkun thallas id-dazju relattiv fuqu, (ara foll 222);

12.6. Illi ma kienx normali li fuq bastiment ta’ dan it-tip ikun hemm dik il-kwantita` ta’ kontenituri mferxin fuqu kollha mimlija diesel, (ara foll 171);

12.7. Illi di piu`, l-istess diesel hekk misjub fl-imsemmija kontenituri ma kienux parti integrali mill-istess magna tal-bastiment de quo, (ara foll 171);

12.8. Illi l-bastiment in dizamina jew ir-rikorrenti ma kienux muniti b'licenzja appozita biex minflok li joperaw l-istess bastiment ghas-sajd ibiddlu n-natura tax-xoghol tieghu u minflok igorr il-"gasoil", sdazjat, (ara foll 114 u 126);

12.9. Illi finalment, sid il-bastiment ma ta l-ebda spjegazzjoni plawsibbli dwar il-provenjenza tal-"gasoil" in dizamina, (ara foll 19 et seq.u foll 28 et seq.);

12.10. Illi ghalhekk l-attivita` li l-bastiment kien involut fiha kienet ekwivalenti ghall-attivita` irregolari u illecita ta' garr u transport ta' "gasoil" li fuqu kien dovut id-dazju tas-sisa u taxxa fuq il-valur mizjud, liema transport ma kienx debitament licenzjat mill-Awtorita` kompetenti ghat-Trasport;

Ikkunsidrat:

13. Illi rigward l-ewwel eccezzjoni preliminari sollevata mil-intimat jigi ribadit li din kienet sussegwentement irtirata mill-istess intimat, (ara foll 5, paragrafu numru tlieta punt wiehed, (3.1.), u paragrafu numru erbgha (4), aktar qabel, u foll 16);

14. Illi rigward it-tieni eccezzjoni preliminari sollevata mill-intimat, (ara foll 5), jigi sottolineat li din kienet sorvolata fl-istess udjenza tat-23 t'Ottubru, 2013, (ara foll 16);

Ikkunsidrat:

15.0. Illi fir-rigward tal-mertu tal-vertenza odjerna jinghad sintetikament is-segwenti:

15.1. Illi l-fatti fuq sintetikament elenkati jindikaw li dan hu kaz ta' kutrabandu ta' fjuwil;

15.2. Illi jirrizulta li meta l-istess bastiment kien intercettat mill-Forzi Armati dan kien fit-territorju Malti, (ara foll 58, 82 u 102), u ghalhekk kien regolarment arresat u mdahhal fil-Port il-Kbir ghal aktar spezzjonijiet approfonditi;

15.3. Illi l-bastiment de quo ma kellu l-ebda attrezzaturi ghas-sajd u kien mimli bi tmin (8) kontenituri tal-plastic b'elf (1000) litru fjuwil kull wiehed go fih, (ara foll 197);

15.4. Illi l-garr u t-trasport tal-fjuwil de quo kien bi ksur tal-ligijiet tad-dwana u tas-sisa;

15.5. Illi ghalhekk in-noti ta' qbid rilaxxati fil-konfront tal-bastiment de quo u tal-fjuwil fuqu trasportat kienu legittimi u legali;

15.6. Illi di piu`, il-kwantita` ta' fjuwil hekk skoperta fuq il-bastiment in dizamina ma jimmilitax favur it-tezi sollevata mir-rikorrenti li l-istess kien intiz biex jintuza mill-istess bastiment;

15.7. Illi l-indikazzjonijiet rizultanti kollha jindikaw li l-istess rikorrenti kienu involuti fil-kutrabandu ta' prodotti petroliferi taht is-sura ta' bastiment tas-sajd;

15.8. Illi l-animu kriminali hekk mikxuf jirrizulta wkoll mill-fatt li s-sistema tal-monitoragg tal-bastiment uzata fil-bastiment in dizamina irrizultat li kienet volutament mitfija mill-kaptan tal-istess;

Ikkunsidrat:

16. Illi f'dan l-istadju ssir referenza ghall-artiklu 68 (1) tal-Kap 37 tal-Ligijiet ta' Malta li jistabbilixxi s-segwenti:

"*Il-bastimenti ... li jkun sar xjentement uzu minnhom fl-importazzjoni ... fit-tizmim, fil-habi, jew fil-garr ta' oggetti li d-dazju taghhom ma jkunx imhallas jew li jkunu taht din l-Ordinanza, suggetti ghal konfiska ghandhom jigu konfiskati";*

Ikkunsidrat:

17. Illi hu doveruz ukoll li ssir referenza ghall-artiklu 17 tal-Kap 382 tal-istess ligijiet li jistipula s-segwenti:

*"(1) Jekk oggetti dazjabbli –*

*"(a) jigu depozitati jew inhbew f'xi post bil-ghan li ssir frodi kontra l-Gvern ghar-rigward tad-dazju tas- sisa li ghandu jingabar bis-sahha ta' dan l-Att...*

*"jigu konfiskati, flimkien mal-oggetti l-ohra kollha li jkunu jinsabu ppakkjati maghhom, jew li jkunu gew uzati biex jahbuhom u min jaghmel ir-reat jehel iktar minn hekk il-pieni stabbiliti fl-artiklu 16*";

Ikkunsidrat:

18. Illi finalment issir ukoll referenza ghall-artiklu 8 tal-Kap 226 tal-istess ligijiet li jistipula s-segwenti:

"*(2) Bla hsara ghad-disposizzjonijiet tas-subartiklu (3), meta bastiment jew ingenju relevanti jkun, fl-ibhra interni jew fl-ibhra territorjali Maltin, jew fiz-zona kontigwa ta' Malta, beda l-insegwiment ta'*

*bastiment susspettat, il-bastiment relevanti jista' jkompli ghaddej bl-insegwiment attiv tal-bastiment suspettat 'l barra bejn sema u ilma basta li dak l-insegwiment ma jkunx gie interrott:*

*"Izda meta l-bastiment suspettat ikun fiz-zona kontigwa meta jinghata l-ordni biex jieqaf minn ufficjal marittimu ghall-infurzar abbord il-bastiment rilevanti, l-insegwiment jista' biss isir jekk hemm suspett li l-bastiment suspettat ikun ikkommetta reat rilevanti;*

*"(3) Meta l-bastiment suspettat ikun fiz-zona kontigwa, jista' biss isir insegwiment attiv jekk l-ghemil ta' reat relevanti jkun regonevolment suspettat";*

Ikkunsidrat:

19.0. Illi fid-dawl tal-artikoli fuq citati jinghad sintetikament is-segwenti:

19.1. Illi c-cirkostanzi fuq esposti jindikaw li l-bastiment in dizamina kien effettivament ingaggat f'attivita` illecita` kontra l-iskopijiet indikati fil-Kap 382 fuq esposti;

19.2. Illi in effetti l-istess bastiment, filwaqt li ma kellux l-attrezzaturi tas-sajd li suppost kien munit bihom kellu "floor meter" biex jikkalkola l-fjuwil, (ara foll 84), liema apparat mhux normali li jkun fuq bastiment tas-sajd, (ara foll 82);

19.3. Illi konsegwentement, jirrizulta assodat li l-azzjoni ta' intercettazzjoni, t'arrest u ta' skorta ezegwita fuq il-bastiment de quo hi azzjoni legittima stante li hi r-rizultat ta' suspett ragonevoli serju ta' azzjonijiet ta' portata kriminali ezegwita mill-kaptan tal-bastiment in dizamina meta l-bastiment tar-rikorrenti inqabad igorr u jittrasporta fjuwel mhux debitament immarkat mill-awtorita` Maltija kkoncernata u minghajr d-debita awtorizzazzjoni tal-awtorita` kompetenti – u dan kollu, taht is-sura kimerika ta' attivita` ittika biex tostor l-attivita` illecita` u illegali de quo;

Ikkunsidrat:

20.0. Illi in vista tal-premess, din il-qorti ma tqisx li r-rikorrenti ppruvaw it-talbiet taghhom skont il-ligi …"

5. Rat ir-rikors tal-appell ta' Paul u Alexandra konjugi Piscopo, li permezz tieghu u ghar-ragunijiet hemm moghtija talbu lil din il-Qorti sabiex thassar, tirrevoka u tikkancella s-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili datata 31 ta' Ottubru, 2017, fil-kawza fl-ismijiet premessi,

tilqa' it-talbiet tal-appellanti, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellat u dan taht dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni.

6. Rat ir-risposta tal-appell tad-Direttur Generali (Dwana) gia Kontrollur tad-Dwana, li permezz taghha u ghar-ragunijiet hemm moghtija, talab lil din il-Qorti tikkonferma fis-shih is-sentenza appellata tal-31 ta' Ottubru, 2017, fil-kawza fl-ismijiet premessi, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellanti.

7. Rat li d-difensuri tal-partijiet itrattaw l-appell in ezami waqt is-seduta tal-4 ta' Mejju, 2021, meta l-appell gie differit ghas-sentenza ghal-lum.

8. Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat:

9. Illi permezz tal-kawza in ezami, ir-rikorrenti appellanti qeghdin jattakkaw in-noti ta' qbid li jgibu referenza 31/2013 u 32/2013, mahruga mid-Direttur intimat, l-ewwel wahda fil-konfront ta' 34,600 litru *gasoil*, fejn il-persuni kkoncernati hemm elenkati huma l-kaptan u l-membri tal-ekwipagg tal-bastiment "Dimitra" MFA 6034 u t-tieni wahda fil-konfront tal-bastiment "DIMITRA" (MFA 6034), hemm indikata bhala proprjeta` ta'

Dimitra Fishing Company Limited, li taghha r-rikorrent Paul Piscopo, huwa wiehed mid-diretturi. Kwindi l-proceduri odjerni huma ntizi ghar-rilaxx kemm tal-bastiment, kif ukoll tal-*gasoil* ai termini tal-Artikolu 72 u 73 tal-Ordinanza tad-Dwana (Kap. 37 tal-Ligijiet ta' Malta) u l-Artikolu 28(2) tal-Att dwar Dazju tas-Sisa (Kap. 382 tal-Ligijiet ta' Malta). Ir-rikorrent jikkontendi li huwa jopera bl-imsemmi bastiment ghan-negozju tieghu, konsistenti f'sajd sabiex jaqla' l-ghixien tieghu u li l-valur tal-bastiment ghandu valur gholi hafna meta mqabbel mal-valur tal-*gasoil* allegatament importat illegalment, dan apparti ragunijiet ohra sufficjenti li jimmeritaw ir-rilaxx tal-imsemmi bastiment.

10. Apparti eccezzjonijiet ta' natura preliminari, l-intimat cahad l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti bhala nfondati fil-fatt u fid-dritt stante c-cirkostanzi suspettuzi li kienu jindikaw li kienet qeghda ssir attivita` rregolari ta' caqliq ta' *gasoil* li fuqu hemm dovut id-dazju tas-Sisa u VAT relattiv, u dan bi ksur tar-regolamenti tal-Kap 37 u Kap. 382 tal-Ligijiet ta' Malta, li taw lok ghall-qbid tal-imsemmija lanca u tal-*gasoil,* liema lanca kienet tinsab fiz-zona kontigwa tat-territorju marittimu Malti.

11. Il-Prim'Awla tal-Qorti Civili, permezz tas-sentenza taghha tal-31 ta' Ottubru, 2017, wara li qieset li l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-intimat giet irtirata u t-tieni eccezzjoni preliminari sorvolata, cahdet it-talbiet kollha tar-rikorrenti, peress li ma qisetx li dawn ippruvaw it-talbiet

taghhom skont il-ligi u konsegwentement laqghet it-talbiet fil-mertu sollevati mill-intimat, bl-ispejjez kontra r-rikorrenti. Inoltre peress li l-ewwel Qorti rrilevat li kunsidrat l-operazzjoni llegali nvoluta u l-possibilita` reali li gie kkonsmat reat ta' natura kriminali, baghtet kopja tas-sentenza lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jiehu dawk il-passi kriminali li jidhirlu xierqa fil-konfront tal-persuni kollha li jistghu jkunu nvoluti fl-esekuzzjoni tal-istess.

12. Ir-rikorrenti hassewhom aggravati bl-imsemmija sentenza u allura interponew appell minnha. L-appell taghhom jissejjes fuq is-segwenti aggravji:

(i) L-ewwel Qorti zbaljat meta tenniet li l-bastiment kien 24 mil nawtiku minn Malta cioe` fiz-zona kontigwa, meta f'parti ohra tas-sentenza tenniet li l-bastiment kien fit-territorju Malti, kif ukoll meta qalet li l-bastiment kien qieghed jikser id-disposizzjonijiet tal-ligi tad-Dwana. Jaghmlu referenza ghax-xhieda ta' Vincent Sciberras, il-kaptan mal-iskwadra marittima responsabbli mill-*patrol boat* P24, li intercettat il-bastiment *de quo* bhala l-aqwa prova li l-bastiment kien 'il barra mill-ibhra territorjali u 'l barra miz-zona kontigwa, kwindi l-bastiment ma setax jitwaqqaf u jiddahhal Malta;

(ii) Minkejja li ghall-grazzja tal-argument, il-bastiment kien fiz-zona kontigwa, xorta wahda ma setax jinghad li kiser id-disposizzjonijiet tal-ligi

tad-Dwana. Ir-rikorrenti jirrilevaw li l-Kapitolu 226 tal-Ligijiet ta' Malta jaghmel distinzjoni bejn iz-zona territorjali skont l-Artikolu 3 tal-Kap. 226, li taqa' fil-wisa' ta' tnax-il mil nawtiku, kif definit fl-imsemmi provvediment tal-ligi u z-zona kontigwa skont l-Artikolu 4 (1) tal-istess ligi, fejn l-azzjoni li tista' tittiehed mill-Istat Malti hija limitata ghal azzjoni sabiex jigi evitat il-ksur tal-ligi tad-Dwana, hwejjeg fiskali, immigrazzjoni u sanita` inkluz it-tniggiz u sabiex jinghataw pieni ghal reati li jkunu saru kontra l-istess ligijiet f'Malta jew fl-ibhra territorjali ta' Malta. Kwindi wara li jsostnu li l-Artikolu 4 mhux applikabbli ghall-kaz in ezami u jaghmlu referenza ghax-xhieda moghtija mir-rikorrent sabiex isostnu li l-attivita` ma kenitx wahda illegali. Terga' ssir referenza ghax-xhieda tal-Kaptan Sciberras, fis-sens li l-bastiment kien 'il barra miz-zona kontigwa ta' Malta.

(iii) Isostnu li ma gewx ippruvati l-elementi mehtiega skont l-Artikolu 8 tal-Kap. 226, jigifieri li seta' kien applikabbli d-dritt ta' insegwiment attiv, izda jsostnu li l-ordni nghatat wara li l-bastiment relattiv kien diga` barra mit-territorju ta' Malta.

(iv) Jishqu dwar l-importanza li ma ttiehdu l-ebda proceduri kriminali fil-konfront tal-appellant Paul Piscopo wara li gie nvestigat u ghalhekk kienet barra minn lokha l-ordni tal-ewwel Qorti sabiex il-Kummissarju tal-Pulizija jinvestiga c-cirkostanzi tal-kaz. Inoltre, ghalkemm l-ekwipagg tal-bastiment tressaq fuq akkuzi kriminali, dawn gew illiberati fuq l-istess reati

li taw lok ghall-qbid li qieghed jigi kkontestat fil-proceduri odjerni u l-Avukat Generali m'appellax fil-konfront ta' din is-sentenza fil-konfront tal-ekwipagg.

(v) Jilmentaw ukoll li fil-konfront tas-sentenza tal-ewwel Qorti fejn inghad li s-sistema ta' monitoragg in kwistjoni kienet intfiet volontarjament mill-kaptan, meta l-apparat ikun gie ssigillat mid-Dipartiment tas-Sajd u konsegwentement jekk dan l-apparat ma kienx qieghed jahdem, dan ma kienx tort tal-appellant jew tal-ekwipagg tieghu izda tort tal-imsemmi Dipartiment.

13. Illi ghandu jinghad mal-ewwel li, din il-Qorti ma taqbilx mal-ewwel aggravju tal-appellanti, peress li din il-Qorti ma tistax toqghod biss fuq dik ix-xhieda li hija ta' sufragju ghat-tezi tal-appellanti, izda trid tara l-kumpless shih tal-provi. Hekk per ezempju, din il-Qorti ma tistax tiskarta x-xhieda tal-Maggur Etienne Scicluna, li kien gie nkarigat bhala espert tekniku mill-Magistrat Inkwirenti, fl-atti tal-Inkjesta dwar kuntrabandu ta' fuel abbord id-dghajsa "Dimitra" MFA 6034 maqbud nhar id-9 ta' Mejju, 2013 (fol. 130 -131 tal-process). Huwa spjega li peress li l-*Vessel Monitoring System* (apparat li jibghat il-pozizzjoni ta' kull lanca) kien mitfi, huwa ghamel indagni sabiex jistabilixxi t-tragitt tal-lanca. Huwa esebixxa wkoll ir-relazzjoni li huwa pprezenta fl-atti tal-inkjesta, li minnha jirrizulta li mis-sistema tal-*Automatic Identification System* (AIS) li bih kienet

mghammra l-lanca, jirrizulta li "*l-hamis 9 ta' Mejju, 2013, ghal habta tas-siegha u nofs ta' wara nofsinhar fejn dak il-hin kienet tinsab madwar 22 mil nawtiku fix-xlokk ta' Delimara.*" Dan skont il-*Vessel Traffic Services* tal-Forzi Armati ta' Malta, kif jirrizulta mill-korrispondenza (Anness E a fol. 147). Fil-fatt l-Ispettur Jonathan Ferris ukoll xehed: *"Dan il-bastiment gie intercettat tnejn u ghoxrin mil nawtiku fl-ibhra nazzjonali Maltin."*

14. Kwindi ghalkemm din il-Qorti m'ghandhiex raguni ghala tiddubita x-xhieda tal-Kaptan Vincent Sciberras li meta huwa kien ghaddej bil-lanca P24 u nghata struzzjonijiet li jintercetta l-lanca "Dimitra", effettivament sabha erbgha u ghoxrin punt tnejn (24.2) mil nawtiku 'l boghod mill-ponta ta' Delimara, dan ma jfissirx li l-ewwel darba li giet intercettata mill-Forzi Armati ta' Malta, l-lanca ma kenitx fiz-zona kontigwa ta' tnejn u ghoxrin mil nawtiku. Wara kollox, il-Kaptan Sciberras xehed ukoll li *"La l-bastiment Dimitra huwa rregistrat Malta, kif jindika MFA 6034 allura ahna stajna nintercettawh liberalment."* Fil-fatt l-Ispettur Ferris jispjega li s-sigla MFA tindika li l-bastiment huwa ta' sajjied li jahdem *full-time*. L-Artikolu 3(2) tal-Att dwar l-Ibhra Territorjali u z-Zona Kontigwa (Kap. 226 tal-Ligijiet ta' Malta) dak iz-zmien kien jipprovdi li ghall-finijiet tal-Att dwar l-Industrija tal-Hut (illum l-Att dwar il-Konservazzjoni u l-Amministrazzjoni tas-Sajd) u ta' <u>kull ligi li ghandha x'taqsam mas-sajd, l-ibhra territorjali ta' Malta jestendu sa hamsa u ghoxrin (25) mil nawtiku 'l barra mil-linji bazi, li minnhom jitkejjel il-wisa' tal-ibhra territorjali u li l-gurisdizzjoni testendi</u>

s'hemmhekk. Isegwi li ma hemm xejn inkongruwu li l-ewwel Qorti rreferiet kemm ghaz-zona kontigwa, kif ukoll ghat-territorju Malti fis-sentenza in ezami. Ghalhekk din il-Qorti, bhal ta' qabilha, tqis li kien hemm waqtiet li l-lanca tas-sajd tabilhaqq kienet fiz-zona kontigwa ta' Malta, izda effettivament twaqqfet fl-ibhra territorjali skont l-Artikolu 3(2) tal-Kap. 226. Tant hu hekk li, mix-xhieda tal-istess rikorrent appellant waqt is-seduta tal-11 ta' Dicembru, 2013, jinghad: "*Staqsejtu fejn kien. Qalli **kien tnejn u ghoxrin mil** qed jistenna. Ghidtlu johrog iktar 'l barra.*" Ghalhekk l-ewwel ilment tar-rikorrenti appellanti ser jigi michud.

15. Fit-tieni argument imqanqal mill-appellanti fejn jinghad li minkejja li l-bastiment seta' kien fiz-zona kontigwa, xorta ma setax jinghad li nkisru id-disposizzjonijiet tal-ligi tad-Dwana, ghal darb'ohra l-appellanti jaghmlu referenza ghall-provvedimenti tal-ligi li jaghmlu distinzjoni bejn iz-zona territorjali (Artikolu 3(1)) u z-zona kontigwa (Artikolu 4 tal-Kap. 226) u li f'din l-ahhar zona l-azzjoni li jista' jiehu l-Istat hija limitata ghac-cirkostanzi elenkati fl-ewwel subinciz. Madankollu l-appellanti jiskartaw il-provvediment tal-ligi tal-Artikolu 3(2), li kif rajna qabel, ghall-finijiet tal-ligijiet tas-sajd jestendi l-ibhra territorjali ghal 25 mil u li l-Artikolu 4(1) proprju jibda "*Minghajr hsara ghad-disposizzjonijiet tal-subartikolu (2) tal-Artikolu 3 ta' dan l-Att...".* Kwindi minkejja li d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 4 jillimitaw il-gurisdizzjoni u s-setghat tal-Istat fiz-zona kontigwa ta' 24 mil ghal fost affarijiet ohra, ksur ta' xi ligi tad-dwana u hwejjeg fiskali, l-Artikolu

3(2) jibqa' vigenti li ghall-fini tal-ligijiet ta' sajd, il-gurisdizzjoni testendi ghal 25 mil. Inoltre l-Artikolu 5 tal-Kap. 226 jipprovdi wkoll ghal azzjoni dwar bastiment li jkun jinsab fl-ibhra ta' Malta:

> *"**5**. (1) **Bla hsara ghad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu, kull ufficjal marittimu ghall-infurzar li jkun abbord bastiment jew ingenju relevanti jista', gewwa l-ibhra interni jew territorjali ta' Malta, jiehu azzjoni kif imiss fir-rigward ta' kull bastiment**, li ma jkunx bastiment militari barrani jew bastiment ta' xi stat barrani li jintuza biss ghal servizz mhux kummercjali, kemm jekk dan ikun qed itajjar il-bandiera Maltija jew xi bandiera ohra kemm jekk ma jkun qed itajjar ebda bandiera, **li jkun ragonevolment suspettat li jkollu abbord lil xi persuna ragonevolment suspettata li tkun se tikkometti xi reat jew li tkun ikkommettiet xi reat kontra xi ligi ta' Malta."*** (enfasi mizjud minn din il-Qorti)

16. L-istess provvediment tal-ligi jinsab rifless fl-Artikolu 6(1) ghall-finijiet taz-zona kontigwa. Kwindi l-Forzi Armati ta' Malta mhux biss kellhom il-gurisdizzjoni f'dan il-kaz fuq il-lanca tas-sajd, izda kellhom sahansitra s-setgha li jwettqu "azzjoni kif imiss" f'kaz ta' suspett ragonevoli li twettaq jew ser jitwettaq reat kontra xi ligi ta' Malta. L-Artikolu 2 tal-ligi jaghti wkoll definizzjoni ta' "azzjoni kif imiss" li tinkludi:

> "*(a) tissenjala bastiment,*
> *(b) twaqqaf bastiment,*
> *(c) titla' abbord bastiment,*
> *(d) tfittex bastiment,*
> *(e) tarresta u zzomm lil xi persuna suspettata li tkun se tikkommetti xi reat kriminali jew li tkun ikkommettiet xi reat bhal dak;*
> *(f) televa xi oggetti minn abbord bastiment suspettat li jkollu x'jaqsam ma reat kriminali,*
> *(g) tehtieg lill-kaptan ta' bastiment li jbahhar lill-bastiment u l-ekwipagg 'il barra mill-ibhra ta' Malta jew lejn xi port jew bajja f'Malta;"*

17. Relevanti f'dan is-sens hija x-xhieda tal-Kaptan Vincent Sciberras:

> "*Kif wasalt vicin tal-bastiment Dimitra membru tal-lanca tieghi ghamel dak li nsejhulu pre boarding questions permess tal-VHF. Min-naha tal-bastiment Dimimtra ma rcevejna l-ebda risposta. Ninforma lill-Qorti li l-mistoqsijiet ahna dejjem naghmluhom bl-Ingliz. Meta rajna li ma kien hemm l-ebda risposta mill-bastiment Dimitra l-fizzjal li kien hemm responsabbli mill-boarding party ibbordjaw... li kellna maghna u ghalhekk telghu fuq id-Dimitra. Minn hemmhekk 'il quddiem ha r-responsabbilità tad-Dimitra l-boarding party sakemm regghu rritornaw fuq il-lanca P24. L-uniku oggett li stajna naraw li kien suspettuz kien diversi tankijiet tal-plastik fuq id-deck li l-kontenut taghhom ma kienx ilma imma kien ta' kontenut safrani u hamrani."*

Minn din ix-xhieda jirrizulta ghal kwantu car li f'dak l-istadju, fejn il-lanca tas-sajd kellha tankijiet tal-plastik b'likwidu kkulurit abbord, huwa ritenut li dan kien bizzejjed sabiex iqanqal suspett ragonevoli sabiex il-Forzi Armati jiehdu l-azzjoni mehtiega, inkluz li jwaqqfu l-bastiment, jitilghu abbord u jehtiegu li l-bastiment jidhol lejn il-port ta' Malta. Sa dak l-istadju ma kien hemm l-ebda obbligu li jivverifikaw li effettivament twettqet illegalita`, izda kien bizzejjed li jkollhom suspett ragonevoli sabiex jiehdu azzjoni fil-parametri tal-ligi in ezami. Isegwi li din il-Qorti tqis li l-agir tal-Forzi Armati ta' Malta kien wiehed strettament skont il-ligi dwar l-Ibhra Territorjali u z-Zona Kontigwa u l-ilmenti tal-appellanti f'dan ir-rigward mhumiex sostnuti mill-provi in atti.

18. In kwantu ghat-tielet punt imqanqal mill-appellanti, li ma gewx ippruvati l-elementi mehtiega sabiex jigi ezercitat id-dritt ta' *hot pursuit* kif mahsub fl-Artikolu 8 tal-Kap. 226, peress li jinghad li l-bastiment kien barra t-territorju Malti, ghalkemm huwa minnu li r-rikorrent appellant jixhed li taw ordni lill-kaptan sabiex wara li jghabbi d-*diesel* ghall-

bunkering tieghu, jistenna 25 mil ‘il barra, kif kostatat qabel, l-ewwel darba li gie intercettat il-bastiment in kwistjoni kien f’distanza ta’ madwar 22 mil nawtiku, filwaqt li effettivament twaqqaf f’distanza ta’ 24.2 mil nawtiku, li ghall-fini ta’ lanca tas-sajd taqa’ fl-ibhra territorjali skont l-Artikolu 3(2) tal-Kap.226. Kwindi lanqas kien hemm ghalfejn jigi ezercitat id-dritt ta’ insegwiment attiv ‘il barra mill-ibhra territorjali bejn sema u ilma mahsub fl-Artikolu 8, gialadarba l-lanca twaqqfet gewwa z-zona ta’ 25 mil nawtiku skont l-imsemmi Artikolu 3(2) tal-Kap. 226. Ghalhekk dan l-ilment ukoll ma jregix.

19. Fir-raba’ ilment tieghu r-rikorrent appellant jishaq li ma ttiehdu l-ebda proceduri kriminali fil-konfront tieghu, izda tajjeb li jigi mfakkar li l-konfiska in kontestazzjoni hija procedura <u>*in rem.*</u> L-iskop tal-proceduri odjerni a tenur tal-Artikoli 72 u 73 tal-Kap. 37, huma ntizi bhala procedura sabiex persuna tipproponi l-kawza sabiex l-oggetti maqbuda jinhelsu. F’dan ir-rigward, kif inghad minn din il-Qorti fis-sentenza taghha tad-29 ta’ Jannar, 2010, fil-kawza fl-ismijiet **Priscilla Cassar et v. Kontrollur tad-Dwana**:

> *“Dak li trid tara l-Qorti f’dawn il-proceduri huwa li tezamina c-cirkostanzi tal-kaz fid-dawl tal-ligijiet doganali applikabbli u tara jekk ir-rikorrent huwiex intitolat li jiehu “lura l-hwejjeg hekk konfiskati”. ... Id-dmir tal-Qorti f’dawn ic-cirkostanzi hu mhux li tiddikjara valida jew nulla n-Nota ta’ Qbid mahruga mill-intimat … izda li tezamina u tiddetermina jekk effettivament kienx hemm il-ksur allegat tad-disposizzjonijiet invokati mill-intimat biex jiggustifika l-qbid u ghalhekk jekk il-qbid tal-oggetti relattivi kienx legalment gustifikat.”*

20. In-nota ta' qbid 31/2013, inharget fil-konfront tal-kaptan tal-lanca tas-sajd, kif ukoll tal-ekwipagg, fejn l-oggett maqbud huwa l-34,600 litru *gasoil,* fejn qieghed jigi invokat il-ksur tal-Artikoli 60(b)(h)(k) tal-Kap. 37, kif ukoll l-Artikolu 17(1)(a) u (d) tal-Kap. 382. L-Artikolu 60 tal-Kap. 37, kif citat fin-nota ta' qbid, jitratta l-konfiska ta' oggetti ta' kuntrabandu fejn l-importazzjoni ta' dawk l-oggetti f'Malta hija pprojbita jew limitata l-importazzjoni jew li jigu mdahhla f'Malta, jew l-oggett suggett ghad-dazju jew ghal-limitazzjoni tal-importazzjoni taghhom f'Malta hija pprojbita, sew qabel kif ukoll wara l-izbark, jinsabu jew jinkixfu li huma jew li gew mohbija, b'xi mod abbord ta' bastiment, fil-limiti ta' Malta, jew l-oggett ikun iddahhal b'evazjoni jew b'tentattiv ta' evazjoni frawdolenti ta' xi dazji tad-dwana jew tal-ligijiet u restrizzjonijiet tad-dwana. Mentri l-Artikolu 17(1)(a) u (d) tal-Kap. 382, jitratta l-konfiska ta' oggett dazjabbli, fejn ma jithallasx dazju fuqu bi frodi kontra l-Gvern, jew jiddahhal Malta u ssir evazjoni mill-hlas tad-dazju tas-sisa, jew isir attentat biex issir l-evazjoni.

21. Minn ezami tal-provi in atti jirrizulta li, r-rikorrent ghall-ewwel jixhed li l-bastiment kien fuq il-bahar peress li: "*mar jghabbi d-diesel ghall-bunkering tieghu... il-gas oil kien ha jintuza peress li kien gej l-istagun tat-tonn u l-lanec tas-sajd peress illi jkunu ha jdumu xi xahar jew xahrejn ikollhom bzonn aktar bunkering milli jkollhom fil-lanca. Mistoqsi jekk tlabtx permess mid-Dwana, nghid li d-Dwana ma tidholx f'dawn l-affarijiet. Qatt ma kellna bzonn permessi, f'dan il-kaz minn Trasport Malta. Jiena*

*ma kellix ghalfejn nitlob awtorizazzjoni minn naha tad-Dwana."* F'seduta sussegwenti, ir-rikorrent appellant xehed hekk: "*Nixtieq ninforma lill-Qorti illi ha nipprezenta d-dokument illi qed jigi mmarkat Dok. PP1 illi huma rcevuti illi ahna kellna zewg (2) bastimenti li l-fuel taghna kien jinbiegh barra territorju Malti 'l boghod mill-hamsa u ghoxrin (25) mil, limitu tal-istess. Dan kien jinxtara mil-Libja, kif jidher mid-dokument immarkat Dok. PP, li huma rcevuti li nbieghu lill-basiment l-iehor kif diga ghidt mill-ibhra territorjali u qed nipprezenta d-dokument imarkat Dok. PP5 illi juru minn fejn konna nixtru l-fuel in kwistjoni."*

22. Mentri mix-xhieda tal-Inginier Karl Briffa, li kien ukoll inkarigat mill-Magistrat Inkwirenti bhala espert tekniku, jirrizulta li apparti l-fuel fit-tankijiet li jiffurmaw parti mill-bastiment, kien hemm tmien kontenituri tal-plastik ta' elf litru-il wiehed, mifruxin fuq l-istess lanca, li fihom kien hemm likwidu li kien jinxtamm li kien diesel, pero` ittiehdu l-kampjuni sabiex jigu vverifikati b'mod xjentifiku. Jispjega li kunsidrat it-tip ta' bastiment (tas-sajd) u l-arja li jopera, ma kienx hemm bzonn li jkollu din il-kwantita` ta' kontenituri tal-plastik, mimlijin bid-diesel. Dan apparti li nstab ukoll *flow meter* abbord l-istess lanca, li jintuza sabiex jigi trasferit *id-diesel* f'post iehor. Relevanti f'dan il-kuntest huma r-rapport u r-ritratti esebiti in atti (ara Dok. KB1 a fol. 173 -189 tal-process). Inoltre mix-xhieda permezz tal-affidavit tal-Professur Alfred Vella, espert forensiku mahtur mill-

Magistrat Inkwirenti fl-inkjesta rigward is-sejba tal-*gasoil* abbord il-lanca Dimitra, b'mod partikolari paragrafu (d) (fol. 198) jirrizulta li:

> *"(d) Il-fjuwils kollha misjubin abbord l-MV Dimitra, inkluz il-fjuwil li l-lanca kellha fit-tankijiet tal-fjuwil taghha u li kienet qed tuza sabiex thaddem il-magni, ma setghux originaw b'mod approvat u legali minn distributuri f'Malta ghaliex gas oil mibjugh f'Malta bhala fjuwil duty free irid ikun fih is-Sudan Marker u l-kulur ahmar, li t-tnejn kienu neqsin u gas oil li fuqu tkun thallas id-dazju irid ikun fih in-National Marker, liema kompost ma kienx prezenti f'ebda wiehed mill-fjuwils."*

Din ix-xhieda tinsab debitament korroborata bir-relazzjoni tal-istess espert forensiku esebita bhala Dok. AV1 a fol. 200 *et seq* tal-process. Mix-xhieda permezz tal-affidavit ta' Carmel Attard, Kap Spettur mad-Dipartiment tad-Dwana jirrizulta li l-lanca tas-sajd Dimitra mhix awtorizzata sabiex tahzen fuqha ammont ta' *gasoil* sdazjat peress li mhix registrata bhala mahzen tas-SISA skont il-provvedimenti tal-Kap. 382. Ghalhekk id-Dwana harget in-Noti ta' Qbid fir-rigward tal-*gasoil* sdazjat u tal-lanca. Jinghad ukoll mill-imsemmi ufficjal li fit-30 ta' April, 2015, il-lanca tas-sajd Dimitra giet rilaxxata lil Paul Piscopo in sostituzzjoni ta' zewg *bank drafts.*

23. Tajjeb li jigi mfakkar li l-azzjoni mressqa mir-rikorrenti appellanti hija mahsuba sabiex jiehdu lura l-proprjeta` tal-bastiment u tal-*gasoil.* Skont principji tradizzjonali, fil-kamp civili, l-*onus probandi* jispetta lill-attur jew f'dan il-kaz, ir-rikorrenti, ghaliex huma jippretendu li hemm ragunijiet tajba sabiex isehh ir-rilaxx, u l-intimat ma ghandux ghalfejn jaghmel il-prova negattiva. L-intimat jibqa' assistit mir-regola procedurali taht l-

Artikolu 562, tal-Kap. 12 li tistabilixxi illi "*l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah*". Dan ifisser illi r-rikorrenti jibqghu mghobbija bil-piz li jressqu prova adegwata u allura c-certezza tal-fatti allegati. Il-grad tal-prova wkoll huwa differenti minn dak mehtieg fil-kamp penali fejn il-prosekuzzjoni hija marbuta li tipprova lil hinn mid-dubju ragonevoli, mentri fil-qasam civili jehtieg li jigi ppruvat fuq il-bilanc ta' probabilitajiet. Kunsidrati l-provi mressqa mir-rikorrenti, ghandu jinghad li ghalkemm ghall-ewwel ir-rikorrent appellant xehed li dan il-*gasoil* kien ser jintuza ghal-lanec tieghu, jibqa' il-fatt li mahzun fuq il-bastiment tal-kumpanija tieghu nstab il-*gasoil* sdazjat minghajr ma r-rikorrent ressaq l-ebda prova li kellu xi awtorizzazzjoni jew ezenzjoni li jintitolah li jkollu abbord il-lanca, il-*fuel* sdazjat. L-uniku dokument ittimbrat mid-Dwana (Dok. PP2) huwa datat 5 ta' Novembru, 2012 (sitt xhur qabel dan l-episodju) u m'huwiex iffirmat jew korroborat minn xi ufficjal tad-Dwana. Min-naha l-ohra, mix-xhieda moghtija mir-rikorrent it-tieni darba jirrizulta li huwa kien ben konsapevoli dwar in-negozju tal-fuel sdazjat. In-nuqqas tar-rikorrenti li jressqu provi sodisfacenti dwar il-provenjenza tal-fuel, permess moghti sabiex il-bastiment ikollu dik il-hazna ta' fuel sdazjat jew dwar xi ezenzjoni ohra, (ara f'dan is-sens ukoll is-sentenza ta' din il-Qorti tal-31 ta' Jannar, 2019, fil-kawza fl-ismijiet **Richard Darmanin v. Kontrollur tad-Dwana**), iggib b'konsegwenza, illi lanqas ma jinsab sostnut illi l-intimat agixxa bi ksur jew kontra l-provvedimenti tal-ligi. Kwindi kunsidrati l-provi, l-hrug

tan-nota ta' qbid 31/2013 in ezami, da parti tal-intimat appellat titqies gustifikata.

24. Fil-kaz tan-nota ta' qbid 32/2013 (rigward il-bastiment) in kontestazzjoni taghmel referenza ghall-Artikoli 68(1), 69(1) u (2) tal-Ordinanza tad-Dwana (Kap. 37) u l-Artikolu 17(2) tal-Att dwar id-Dazju tas-Sisa (Kap. 382). L-Artikolu 68(1) tal-Ordinanza tad-Dwana, jipprovdi:

> ***"68.** (1) Il-bastimenti, il-vetturi jew mezzi oħra ta' ġarr, flimkien maż-żwiemel jew annimali u ħwejjeġ oħra li jkun sar xjentement użu minnhom fl-importazzjoni, fl-iżbark, **fit-twarrib, fit-tiżmim, fil-ħabi, jew fil-ġarr ta' oġġetti li d-dazju tagħhom ma jkunx imħallas jew li jkunu, taħt din l-Ordinanza, suġġetti għal konfiska <u>għandhom</u> jiġu kkonfiskati**:* (enfasi mizjud minn din il-Qorti)

Jigi osservat mal-ewwel li dan l-artikolu ma jipprovdix biss ghall-konfiska f'kaz ta' zbark jew importazzjoni izda sahansitra ghat-**twarrib, zamma, habi jew semplici garr ta' hwejjeg li huma suggetti ghall-konfiska.** Din il-ligi ma fiha l-ebda limitazzjoni jew eccezzjoni ghal tali konfiska kkontemplata fis-sens li ladarba jirrizulta ksur tal-provvediment tal-Artikolu 68, il-konfiska hemm imsemmija hija mandatorja, billi l-Kontrollur tad-Dwana ma jinghata ebda diskrezzjoni. Fil-fatt fil-gurisprudenza taghna gie kostantament ritenut illi:

> *" Ghal fini ta' l-Artikolu 68 dak li jitqies l-aktar centrali hu l-fatt li l-vettura ntuzat biex jigi mwettaq reat kontra l-ordinanza Doganali u li, in kwantu tali, kien assoggetta l-istess vettura ghal konfiska. Anke jekk il-fatti huma diversi, l-osservazzjoni in calce tas-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tas-27 ta' Frar 2003 in re: "Cara Ltd -vs- Kontrollur tad-Dwana" tibqa' wahda valevoli. A*

*propozitu jinghad fiha illi "l-proceduri ta' konfiska huma proceduri in rem. Gjaladarba l-merkanzija dahlet Malta kontra l-Ordinanza tad-Dwana l-intimat kellu s-setgha li jikkonfiskaha"*

(Ara sentenza **Francis Xuereb pro et noe. v Kontrollur tad-Dwana -** deciza minn din il-Qorti - Sede Inferjuri fl-10 ta' Ottubru, 2005.) Inoltre, skont l-Artikolu 69(1) u (2) tal-Kap. 37, il-bastimenti suggetti ghal konfiska jistghu jigu maqbuda kull fejn ikunu, sew fuq l-art, kif ukoll fuq il-bahar, f'liema konfiska jitqiesu li jidhlu l-armar, l-ghodod u t-taghmir taghhom, kif ukoll il-kollijiet li fihom jinsabu l-oggetti u dak kollu li l-kollijiet ikun fihom.

25. F'sentenza ohra tat-13 ta' Novembru 2015, tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Farrugia v. Kontrollur tad-Dwana,** il-Qorti filwaqt li ghaddiet ir-rassenja ta' gurisprudenza relattiva, ziedet:

*"...l-Artikolu 68 tal-Kap.37 ma jatix diskrezzjoni lill-qorti, gialadarba ma jaghmilx distinzjoni bejn min iwettaq l-att u s-sid tal-oggett li jinqabad mill-intimat. Hu minnu li l-ligi fl-Artikolu 73 tikkontempla procedura specjali sabiex persuna tipproponi kawza biex l-oggetti maqbuda jinhelsu, madankollu meta kaz jigi quddiem il-qorti trid tapplika l-ligi sostantiva. Il-fatt li persuna tista' tikkontesta nota ta' qbid, il-qorti xorta jkollha tapplika l-ligi sostantiva ghal fatti tal-kaz li jkollha quddiemha. Jekk mill-provi jirrizulta li l-mezz tal-garr intuza xjentement fil-garr ta' oggetti li d-dazju taghhom ma thallasx, il-konfiska hi ex lege. L-artikolu 68 ma jipprovdix ghal eccezzjoni fil-kaz li sid ma kellux x'jaqsam f'reat. Tant dan hu minnu li l-Artikolu 67 tal-istess ligi jipprovdi li oggetti li jkunu nqabdu taht id-disposizzjonijiet tal-Kap. 37 u li jigu esibiti fil-qorti waqt proceduri gudizzjarji, f'kaz ta' sejbien ta' htija jsiru proprjeta tal-Gvern. Hawn ukoll il-qorti m'ghandhiex diskrezzjoni. Il-provvediment ma jaghmilx distinzjoni proprjeta ta' min huma l-oggetti, u anzi l-Artikolu 67 jibda bil-kliem: "B'dak kollu li jinsab f'kull ligi ohra…..". Ghalhekk f'kazijiet taht il-Kap. 37 ma japplikax dik il-parti tal-Artikolu 23 tal-Kodici Kriminali (Kap. 9) li jipprovdi li l-corpus delicti ma jigix konfiskat meta persuna "…. li ma tkunx hadet sehem fid-delitt, ikollha jedd fuq*

> *dawk l-oggetti". Fattur li jsahhah il-fehma tal-qorti kemm f'kazijiet ta' kuntrabandu l-ligi, fir-rigward tal-konfiska tal-corpus delicti, ma taghmilx distinzjoni bejn min iwettaq ir-reat u s-sid li ma jkunx ha sehem fid-delitt."*

F'dan l-ahhar kaz iccitat ukoll, ir-rikorrent sid il-bastiment ressaq l-argument li ma ttehdux proceduri kriminali fil-konfront tieghu u li l-element tax-xjenza hu nieqes. Izda dik il-Qorti laqghet l-eccezzjoni li l-lanca kienet maqbuda permezz tal-proceduri *in rem* u l-kwistjoni hija semplicement wahda jekk l-oggetti gewx maqbuda skont il-ligi.

26. Ghalhekk il-fatt li ma ttiehdu l-ebda proceduri fil-konfront tal-appellant Paul Piscopo, mhix daqstant relevanti ghall-proceduri odjerni. Wara kollox kif inghad diversi drabi, x-xjenza o meno ta' sid il-bastiment jew sid il-vettura, skont il-kaz, ma ticcentrax fil-materja. Kif inghad minn din il-Qorti fis-sentenza taghha tad-29 ta' Ottubru, 2010, fil-kawza fl-ismijiet **Helen Samantha Brett v Kontollur tad-Dwana:**

> "*Illi minn qari ta' Artikolu 68 (1) tal-Kap 37 jirrizulta bla ebda dubju illi x-xjenza li qieghed jitkellem fuqha l-legislatur hija ta' dak li jkun qieghed juza l-bastiment. Imkien il-ligi ma taghmel distinzjoni bejn is-sid u l-utent tal-istess bastiment. Ghalhekk fejn il-ligi ma tiddistingwix lanqas m'ghandhom jiddistingwu dawn il-Qrati. Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghas-sentenza "Francis Xuereb pro et noe. vs Kontrollur tad-Dwana" deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fl-10 ta' Ottubru 2005, kif ikkwotata b'approvazzjoni mill-ewwel Qorti, liema kawza kienet tixbah hafna lill-kawza odjerna. F'dik is-sentenza l-Qorti spjegat b'mod car hafna l-kuncett tax-xjenza f'Artikolu 68 tal-Kap 37. Din il-Qorti ma thossx li hemm ragunijiet validi ghaliex ghandha tiddipartixxi mill-hsibijiet enuncjati fis-sentenza kwotata. Din il-Qorti taghmel referenza wkoll ghas-sentenza Guido Vella vs Kontrollur tad-Dwana deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-31 ta' Ottubru 2008 fejn f'cirkostanzi simili il-Qorti, segwiet l-istess hsibijiet u qalet:*

> *"Il-Qorti wara li ezaminat il-provi fid-dettal, thoss li huwa probabbli li l-attur ma kienx jaf x'inhu ghaddej u li l-operazzjoni li fiha kienet ser tinkiser il-ligi kienet saret min-nies oħrajn. Madankollu kif sewwa eccepixxa l-intimat, din il-procedura tal-konfiska hija waħda in rem u* ***l-buonafede u innocenza tal-proprjetarju tal-oggett konfiskat ma jaffetwawx il-validita' tal-konfiska jekk l-oggetti konfiskati jkunu il-corpus delicti fis-sens li jkunu ddahhlu kontra l-Ordinanza tad-Dwana jew sar attentat biex dan isir – ara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet Cara Limited vs Kontrollur tad-Dwana deciza fis-27 ta' Frar, 2003."*** (enfasi mizjud minn din il-Qorti)

F'dan il-kaz ma tressaqx il-kaptan tal-lanca tas-sajd sabiex jixhed, izda mix-xhieda tar-rikorrent appellant ma tantx jista' jinghad li huwa ma kellux xjenza ta' dak li kien qieghed jigri fuq il-bastiment. Relevanti huwa l-kumment tal-espert Karl Briffa fis-sens li: *"Findings indicate that the vessel had been set up to deliver diesel to third parties...there was no sign that fishing activity was carried out recently."* Dan meta l-Avukat Robert Vassallo xehed li skont Port Notice 7/2012, l-ebda bastiment ma jista' jintuza b'mod kummercjali sakemm ma jkollux il-licenzji necessarji u l-bastimenti tas-sajd huma pprojbiti milli jgorru l-fuel sakemm ma jkunx hemm licenzja u certifikazzjoni appozita (ara Dok. RV 2 a fol. 192). Kwindi altru li kienet f'lokha l-ordni tal-ewwel Qorti sabiex il-Kummissarju tal-Pulizija jinvestiga c-cirkostanzi tal-kaz, in kwantu l-attivitajiet in ezami kienu ghal kwantu rregolari! Fil-fehma ta' din il-Qorti, maghmula l-konsiderazzjonijiet hawn qabel, in-nota ta' qbid mahruga fil-konfront tal-bastiment Dimitra, kienet ukoll gustifikata.

27. Ghalkemm ir-rikorrent appellant flimkien mar-rikors l-appell jesebixxi s-sentenza u jaghmel referenza ghall-fatt li l-membri tal-ekwipagg gew illiberati fuq l-istess reati li taw lok ghall-qbid, jigi fl-ewwel lok innutat li n-nota ta' qbid relattiva ghall-membri tal-ekwipagg hija dik li permezz taghha nqabad il-*gasoil.* Inoltre, mill-istess sentenza jirrizulta li l-kawza kriminali giet istitwita wkoll kontra l-kaptan tal-bastiment, Nasser Mohammed Aly Elalayly, mentri fuq talba tal-prosekuzzjoni saret separazzjoni tal-gudizzju. Kwindi dik is-sentenza citata u esebita in atti hija effettiva biss fil-konfront tal-membri tal-ekwipagg. Apparentement, il-proceduri fil-konfront tal-kaptan ghadhom pendenti. Ghalhekk ladarba l-proceduri huma *in rem*, kif spjegat qabel, il-fatt li ma ttehdux proceduri kriminali fil-konfront tar-rikorrent appellant ma jistghu jkunu ta' ebda beneficcju ghall-fini tal-azzjoni odjerna.

28. In kwantu l-ahhar ilment tal-appellanti fil-konfront tas-sentenza appellata, fejn jinghad li s-sistema ta' monitoragg tal-bastiment kienet volontarjament mitfija mill-kaptan, li dan l-apparat ikun gie ssigillat mid-Dipartiment tas-Sajd u li jekk dan l-apparat ma kienx qieghed jahdem, dan ma kienx tort tal-appellant jew tal-ekwipagg tieghu, izda tort l-imsemmi dipartiment, dan l-ilment ukoll m'ghandux mis-sewwa. Mix-xhieda tal-Maggur Etienne Scicluna moghtija quddiem l-ewwel Qorti fit-3 ta' Dicembru, 2015, jirrizulta li huwa sab is-sistema tal-*vessel montoring system* (apparat sabiex jibghat l-pozizzjoni ta' kull lanca) mitfija u meta

staqsa lill-kaptan tal-lanca qallu li s-sistema kienet bil-hsara, izda huwa ma nforma lil hadd mid-Dipartiment tas-Sajd, kif kien obbligat li jaghmel. Mentri huwa, flimkien mal-espert l-iehor inkarigat mill-Magistrat Inkwirenti, sabu li l-apparat kellu s-sigill maqtugh u li kien mitfi. Dan jinsab spjegat ahjar fir-relazzjoni esebita in atti bhala Dok. ES1 a fol. 132 fejn jinghad hekk:

> *"Peress li din il-lanca hija mghammra bl-apparat tal-Vessel Moitoring System (VMS) u li dak il-hin li tlajna fuq il-lanca kien jidher mitfi, is-sottoskritt saqsa lill-kaptan jekk dan l-apparat intuzax waqt dan il-vjagg kif inhu mitlub mil-ligi (Kapitlu IV ta' Council Regulations 404/2011). Hawnhekk il-kaptan wiegeb li dan l-apparat mhuwiex jahdem minhabba problem fil-batteriji. Meta mistoqsi jekk infurmax lid-Dipartiment tas-Sajd kif suppost jaghmel bl-istess ligi msemmija aktar qabel, il-Kaptan wiegeb illi m'avza lil hadd. Hawnhekk is-Sur Mark Gaglione* ***iccekja l-apparat u sab illi s-sigill kien maqtugh u meta xeghlu hadem kif suppost. Meta ffaccjat b'dan il-kaptan ma kienx jaf jaghti spjegazzjoni****."* (enfasi ta' din il-Qorti).

Kwindi mill-provi in atti jirrizulta li kellha ragun l-ewwel Qorti tikkonkludi li l-apparat kien intefa volontarjament mill-kaptan, peress li hekk irrizulta u din il-Qorti ma ssib xejn x'ticcensura fl-apprezzament maghmul minnha.

29. Jonqos li jigi trattat l-ahhar punt imqanqal mir-rikorrenti appellanti permezz tar-rikors fil-mori tal-proceduri tal-appell, jigifieri l-fatt li permezz tal-proceduri odjerni, l-appellant qieghed jattakka n-nota ta' qbid li harget fuq il-bastiment "Dimitra", mentri f'proceduri simili fil-konfront tal-bastiment "Alexandra", din il-Qorti laqghet l-appell u ordnat ir-revoka tan-nota ta' qbid peress li fil-frattemp l-appellant kien illiberat mill-proceduri kriminali relattivi. Kwindi l-appellant jargumenta li aktar hemm lok ghar-

revoka tan-nota ta' qbid f'dan il-kaz, gialadarba l-appellant qatt ma gie akkuzat bil-fatti li waslu ghall-hrug tan-nota ta' qbid. Inoltre l-appellant jilmenta li qieghed isofri danni inutilment ghaliex il-vapur in kwistjoni ghadu maqbud ghand id-Dwana intortament.

30. Jibda billi jigi osservat li kif inghad qabel, mix-xhieda tal-ufficjal tad-dwana rrizulta li fit-30 ta' April, 2015, il-lanca tas-sajd Dimitra giet rilaxxata lil Paul Piscopo in sostituzzjoni ta' zewg *bank drafts.* Din ix-xhieda ma gietx kontradetta l-ebda mod da parti tar-rikorrenti, kwindi f'kaz ta' ezitu pozittiv ghar-rikorrenti appellanti huma l-*bank drafts* li jigu rilaxxati favur l-appellant u mhux il-lanca tas-sajd, gialadarba din diga` giet rilaxxata kontra l-imsemmija *bank drafts.*

31. Fi kwalunkwe kaz, il-paragun li jittantaw jaghmlu l-appellanti ma jregix. Dan peress li fl-ewwel lok, ic-cirkostanzi taz-zewg kazijiet kienu totalment differenti, peress li filwaqt li f'dak il-kaz (Rikors Numru 1061/2009, fl-istess ismijiet deciz minn din il-Qorti fis-17 ta' Marzu, 2021), l-appellant gie lliberat mill-akkuzi kriminali relattivi ghan-nota ta' qbid in kontestazzjoni, peress li f'dak il-kaz "*ma jirrizultax mill-provi li l-appellant kellu l-intenzjoni li jbigh il-fuel lil terzi u jaghmel qligh. Il-provi li hemm hu li l-fuel li kien ser jintuza fuq bastiment iehor tas-sajd."* Certament mhux l-istess jista' jinghad f'dan il-kaz, fejn il-kwantitajiet ta' fuel huma tali li jindikaw il-probabilita` li r-rikorrent appellant kien fil-

process li jinnegozja l-fuel sdazjat. Inoltre, f'dak il-kaz, gialadarba l-appellant kien illiberat mill-akkuzi, kien ritenut li l-konfiska tad-dghajsa kienet tkun mizura eccessiva li kieku kellha tibqa' fis-sehh, proprju peress li l-akkuzat gie lliberat. F'dan il-kaz, apparti kif spjegat qabel, l-azzjoni ta' konfiska hija wahda *in rem,* il-proceduri kriminali kontra l-kaptan tal-lanca ghadhom pendenti, u l-hrug tan-noti ta' qbid gew determinati bhala gustifikati permezz tal-konsiderazzjonijiet maghmula qabel, mhux il-kaz li din il-Qorti tilqa' it-talbiet tar-rikorrenti appellanti li jigu lliberati l-oggetti suggett ghan-noti ta' qbid in kontestazzjoni.

**Decide**

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet kollha, din il-Qorti tiddisponi mill-appell interpost mir-rikorrenti appellanti, billi filwaqt li tichad l-istess, tikkonferma s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tal-31 ta' Ottubru, 2017, fil-kawza fl-ismijiet premessi fis-shih. Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra r-rikorrenti appellanti.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imhallef | Joseph R. Micallef<br>Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef |

Deputat Registratur
gr